12 ta' Marzu, 1964

Imħallef:

Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D

Henry Joseph Dunbar Vella

*versus*

Anthony Abela noe

**Terminazzjoni ta' impjieg — Preavviż — Impjieg għal żmien indeterminat u impjieg għal żmien fiss — Interpretazzjoni.**

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi bl-iskrittura ta' l-ewwel (1) ta' Frar, elf disa' mija tlieta u sittin (1963) (Dokument A hemm anness) id-ditta konvenuta impjegatu taħt il-pattijiet hemm stipulati, u illi d-ditta konvenuta ppretendiet li tilliċenzjah jew kellha dritt tilliċenzjah meta trid hi billi tagħtih tlett xhur preavviż u illi fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Diċembru, elf disa' mija u tlieta u sittin (1963) id-ditta konvenuta tat l-ittra datata sitta (6) ta' Novembru, elf disa' mija tlieta u sittin (1963) u allura d-ditta konvenuta pretendiet li ġiet tat preavviż mis-sitta (6) ta' Novembru, elf disa' mija tlieta u sittin (1963) u depożitat l-istipendju sas-sitta (6) ta' Frar, elf disa' mija, erbgħa u sittin (1964), Talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u wara li jingħataw l-ordnijiet li hemm bżonn — din il-Qorti tiddikjara illi skond l-iskrittura l-impjieg tiegħu hu rinnovabbli minn sena għal sena b'awmenti ta' ħamsin lira (£50) kull

sena fuq l-istipendju annwali ta' seba' mitt lira inizjali għall-ewwel tlett snin wara għeluq l-ewwel sena — u li għaldaqstant hu ma ġiex mogħti l-preavviż meħtieġ biex ma jiġix rinnovat il-kuntratt għal sena oħra, u hekk in konsegwenza hu qiegħed jiġi pprivat minn impjieg ta' sena bl-istipendju ta' seba' mija u ħamsin lira (£750) annwali; u talab ukoll illi din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut nomine jħallsu nofs l-istipendju li kien jistħoqqlu bir-rata ta' seba' mija u ħamsin lira (£750) annwali għal perjodu li jiġi deċiż li kellu titolu li jaħdem l-attur u li ġie privat minnu b'għemil tad-ditta konvenuta. Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond il-liġi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u n-nota tax-xhieda kif ukoll id-dokumenti preżentati maċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha qal li kontrarjament għal dak espost fiċ-ċitazzjoni Joseph Mamo Jr. wieħed mid-diretturi tad-ditta konvenuta, kien formalment ittermina l-impjieg tal-attur mad-ditta fil-ħamsa (5) ta' Novembru, 1963 billi tah avviż ta' tlett xhur skond ftehim bejn il-kontendenti; l-eċċipjent għalhekk fid-disgħa (9) ta' Jannar 1964 iddepożita taħt l-awtorità tal-Qorti disgħa u sittin lira, sittax-il xelin u għaxar soldi (£69.16.10) għas-salarju dovut lill-attur mis-sebgħa (7) ta' Jannar 1964 sas-sitta (6) ta' Frar, 1964 billi ma riedx li l-attur jibqa' jaħdem ma tul dan il-perjodu li kien baqa'; qal ukoll li l-attur stess ma jafx xi jrid billi talab li jieħu dak li jistħoqqlu bla ma qal dan x'inhu meta kien imissu jiċċara u jispeċifika t-talba tiegħu skond il-liġi;

*Omissis.*

Ikkunsidrat:

Illi d-domanda attriċi hija diretta biex l-attur *jitħallas min-*

għand il-konvenut dak li ħaqqu talli dan ikkonġedah mill-impjieg li kellu miegħu u ried iħallsu b'mod li mhux skond il-ftehim tant li l-konvenut għadda biex jiddeposita l-ammont relattiv;

Illi m'hemmx kustjoni li l-ftehim bejn il-kontendenti hu dak li jirriżulta mill-iskrittura a fol. 5 tal-proċess; għalhekk is-soluzzjoni tal-kustjoni bejniethom tiddependi mill-interpretazzjoni li trid tingħata lill-patt numru 2, li jitkellem fuq id-durata u mod ta' terminazzjoni tal-ftehim u li hu f'dana s-sens:— "The said appointment shall commence on 1st February 1963 and (unless terminated in accordance with the provision contained later in this agreement) shall continue thereafter from year to year unless notice of three (3) months is given by either party to terminate this Agreement". It-teżi konvenuta hi fis-sens li dana l-ftehim hu bla terminu u hekk kull kuntraent jista' jinħall f'kull żmien billi jagħti avviż ta' tlett xhur lill-parti l-oħra, mentri li l-attur isostni li l-impjieg kien għal sena u kellu jkompli minn sena għal sena jekk ma jingħatax preavviż ta' tlett xhur minn waħda mill-partijiet. Dina hija l-vera kustjoni bejn il-partijiet, għalkemm hemm l-oħra wkoll li tirrigwarda l-forza li għandha tingħata lil dak li ntqal bejn l-attur u Joseph Mamo Jr., Direttur tad-Ditta konvenuta, fil-(5) ta' Novembru 1963, billi l-attur jgħid li dikinhar ma nagħtax lilu avviż formali kif jingħad fl-ittra (a fol. 7) li rċeva fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Diċembru 1963 għalkemm datata sitta (6) ta' Novembru 1963;

Ikkunsidrat:

Illi kif intqal, it-teżi konvenuta hi li l-kuntratt ta' mpjieg ta' l-attur kien wieħed mingħajr ebda limiti ta' żmien: ftehim ta' din l-għamla l-lum jista' jsir, kif espressament jingħad fl-art. 23 ta' l-att No. XI tal-1952, u f'każ bħal dan il-ftehim ikollu biss bidu msemmi espressament; kwantu mbagħad għat-terminazzjoni ta' l-impjieg irid jingħata avviż u l-att imsemmi (art. 25) jiffissa t-tul li dan għandu jkollu ndipenden-

tement milli-ftehim tal-partijiet dwar l-istess (para. 3 ta' l-artiklu 25 ċitat);

Illi l-kuntratt bejn il-kontendenti ġie ffirmat fl-ewwel (1) ta' Frar 1963 u kwindi żmien sew wara li bdiet isseħħ il-liġi ndikata, u hekk għandu jiġi ritenut li ġie formulat skond dika l-liġi; u billi dina ssemmi bħala tul massimu ta' avviż simili erba' ġimgħat (*ibidem* ittra (d) mentri l-kontendenti semmew li jiġi ffirmat mas-"senior employees of the Firm" (fol. 35) u tratta ta' ftehim għal żmien milli wieħed mingħajr ebda żmien kif qed jirritjeni l-konvenut nomine; hu evidenti però li dana l-argoment mhux biżżejjed waħdu (speċjalment meta dina l-possibilità hi *prospettata* wkoll mil-liġi) u n-natura tal-ftehim trid tirriżulta minn eżami akkurat tal-patt relattiv, ġa riportat;

Illi dwar dana l-patt il-Qorti tosserva li huma użati l-kliem "shall continue" dwar il-perjodu tal-impjieg, li kellu jibda mill-wieħed (1) ta' Frar, 1963, li *huma* diffiċilment konċiljabbli ta' "renova" ta' l-*istess* perjodu kif isemmi l-attur *fiċ-ċitazzjoni*; tosserva wkoll li ma hix espressa data biex tirregola d-dekorriment tat-tlett xhur avviż li għandu jingħata biex jiġi terminat l-impjieg, b'mod li wieħed jista' jgħid li l-*istess* avviż jista' jingħata f'kull żmien. Dawn huma argomenti favur it-teżi konvenuta; però huwa diffiċli li din tista' tiġi sostnuta meta wieħed jikkonsidra li, kieku, kif din teżiġi, il-ftehim kien bla terminu, allura ebda sinjifikat ma kien jista' jkollhom il-kliem użat "from year to year" mentri hi regola ta' interpretazzjoni li xejn m'għandu jiġi ritenut li ntqal jew inkiteb għalxejn meta jista' jilu jiġi mogħti sinjifikat. Issa dawna l-kliem proprju jindikaw terminu għal ftehim *stipulat*, u *cioè* għal sena u minn sena għall-oħra, bħala perjodu kontinwu, li ma *jaqtax*, kemm-il darba ma jingħatax l-avviż kontemplat immedjatament wara; dan l-avviż ikun meħtieġ biex il-ftehim ma jkomplix għas-sena ta' wara. B'dana l-mod il-kuntratt kien għal numru ta' snin sħaħ, u kien għal sena żgur; kien biss mhux magħruf in-numru ta' snin li kien sejjer idum. Konċess li ż-żmien ta'

tliet xhur tniżżel bi svista (mħabba t-terminu iqsar li l-liġi teżiġi għall-avviż meta l-ftehim ikun mingħajr żmien) li kieku verament l-intenzjoni kienet li l-ftehim ikun mingħajr terminu, kellhom jiġu użati kliem differenti minn dawk użati biex jirrendu din l-idea, bħal per eżempju l-kelma "indefinitely" proprju minflok il-kliem "from year to year" imsemmija li jirrikorru fir-raba' rig tal-klawsola taħt eżami jew almenu l-eliminazzjoni assoluta ta' l-istess kliem "from year to year". F'dana l-kontest hu xieraq wieħed ifakkar li skond ix-xhieda tad-Direttur Mamo ġa riferita, il-kuntratt in kustjoni hu bħal dak li jiġi ffirmat mas-"senior employeesof the Firm" (fol. 35) u kwindi wieħed iżjed għandu jaħseb, u hekk l-attur bir-raġun ħaseb, li hu wkoll fl-interess tad-ditta stess (apparti dak ta' l-impjegati) li dawn ma jiġux assunti bla ebda żmien ta' xejn, b'mod li dina l-interpretazzjoni tal-kuntratt, jekk ritenut mhux ċar biżżejjed, hija preferibbli għal dik avanzata mill-konvenut nomine;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tas-sens hawn fuq mogħti lill-klawsola ta' ftehim bejn il-kontendenti, mhux il-każ li tiġi nvestita l-kustjoni sekondarja bejn il-kontendenti jekk id-diskors li għadda fil-ħamsa (5) ta' Novembru 1963 bejn l-attur u Joseph Mamo Jr. kienx jammonta għall-avviż formali ta' konġedo, b'riferenza għaż-żmien li hekk jiġi li l-attur kien fadallu jagħmel fl-impjieg tal-konvenut nomine, billi anke jekk jiġi ritenut li l-avviż ingħata formalment dikinhar dejjem jiġi hekk ingħata serotinament u kwindi nullament għaliex mhux fiż-żmien ta' tlett xhur kif miftiehem, billi minn dik id-data sal-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 1964 (meta ġie ritenut li seta' jispiċċa l-impjieg b'avviż) ma hemmx tlett xhur. U b'dana l-mod jiġi li, skond il-ftehim, l-attur kien għad fadallu jaħdem mal-konvenut nomine sal-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 1965 (a paragun tal-perjodu sal-ħamsa (5) ta' Frar 1964 kif jippretendi l-konvenut nomine) billi l-ftehim kellu jkompli minn sena

għall-oħra, u kien beda fl-ewwel (1) ta' Frar 1963;

Omissis.